**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. DONATELLA M. FRENDO DIMECH LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 29 ta' Settembru, 2016

**Il-Pulizija**
(**Spettur Spiridione Zammit**)

**-vs-**

**Spiridione Tanti Costa, detentur tal-Karta tal-Identita' numru 102365M**

Kumpilazzjoni Nru. 468/2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputat Spiridione Tanti Costa talli: -

1. Nhar it-3 ta' Diċmebru 2014, f'xi ħinijiet wara l-4:00pm, waqt li kien fi Triq San Tumas, Fgura u/jew f'dawn il-gżejjer, ikkommetta serq ta' basket, mobile tal-għamla Zenphone Asus, mobile tal-għamla Iphone 3G, mazz ċwievet, internet key tal-Bank of Valletta u pipa u/jew oġġetti u/jew affarijiet oħra minn vettura għamla Skoda numru tar-reġistrazzjoni SUE 123, liema serq hu bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37), lok, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, għad-detriment ta' Henry Portelli u/jew persuni oħra;

2. Fl-istess ċirkostanzi f'dawn il-gżejjer xjentament xtara jew laqa' għandu ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentament b'kull mod ieħor li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, liema oġġetti u/jew affarijiet oħra proprjetà ta' Henry Portelli u/jew persuni oħra.

B'hekk irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuzi huma dawk ta' serq u ricettazzjoni, liema akkuzi nghataw bhala alternattivi.

Illi l-abbli ufficjal prosekutur ta rendikont dettaljat tal-investigazzjoni minnu kondotta li wasslet sabiex jigi akkuzat l-imputat odjern. Xehed kif wara li kienet giet rappurtata serqa ta' basket minn go vettura Skoda SUE-123 fejn fost affarijiet ohra li kienu gol-basket kien hemm mobile phone Asus (jiswa madwar €315)u Iphone (jiswa madwar €400), kienu saru tfittxijiet ghal *cctv* u fil-fatt f'*cctv* minnhom kien intlemah ragel jiehu il-basket minn go l-imsemmija vettura.[1] Investigazzjonijiet[2] zvelaw li l-IME number tal-Asus kien gie *paired* ma diversi numri u l-pulizija wasslet ghal certu Sephora Debono li din infurmat lill-pulizija li kienet xtrat il-mobile Zen asus minghand certu Josef Mahouchi u taghtu lil huha li kien rritorna l-mobile lura lill-pulizija.

Illi Mahouachi gie mitkellem u qal li kien xtrah minghand certu Darren Pisani ghal €160 izda Pisani qatt ma kien semma li l-mobile kien misruq. Pisani ammetta mal-Pulizija li kien xtara l-mobile minghand persuna li wara kien gharafha bhala l-imputat ghal €150. Wara li kien sar konfront bejn Pisani u l-imputat irrizulta li Pisani kien ilu jaf lill-imputat u li l-mobile xtrah ghal €50 meta kien jaf li dan kien misruq.

Illi Tanti Costa kien ikkowopera mal-Pulizija izda qal li l-basket kien sabhom fejn il-karozza u li kien rema l-kumplament tal-oggetti gewwa tank taz-zibel fil-vicin peress li ra li l-mobile l-iehor ma kienx jiswa xi flus. Fl-ewwel stqarrija l-imputat ma wiegeb ghall-ebda domanda izda

[1] Fol.38
[2] SZ5 fol.57 et seq.

fit-tieni wahda hu ghazel li jwiegeb ghad-domandi. Hawnhekk hu jghid li kien ra il-karozza bit-tieqa tan-naha tax-xufier imnizzla u kien hemm basket *"mal-art u hadtu u tfajtu f'hobbi ghax kienet ovvja li kien ta' xi hadd imbaghad qsamt ghall-faccata tat-triq fejn il-garaxxijiet fittixt fih u kien hemm dan il-mobile u m'hiniex cert kienx hemm zewg mobiles ohra, kien hemm xi cwievet, kaxxa ta' pipa u tabakk u armejt il-basket bil-mobiles b'kollox ghax jien flus ridt xi haga ta' valur ghax kont nabbuza mid-droga."*[3] L-imputat ikompli jghid li l-basket *"kien barra mill-karozza u tfajtu f'hobbi"*[4] Jghid li hu jsuq Matiz gold bin-numru EBJ254. Juri l-vera mottiv ghaliex halla warajh il-mobile l-iehor jghid *"Dawn l-oggetti m'ghadhomx worth it ghax jittrekjawh."*[5]

Illi giet esebita sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' Jannar, 2012, fejn jirrizultaw il-konnotati tal-imputat li biha kien gie kkundannat tlett snin prigunerija.[6]

Illi Sephora Debono xehdet li xtrat il-mobile minghand Josef Mahouachi u hallset €200 ghalih.[7] Mahouachi jghid li kien xtrah minghand Darren Pisani ghal €180 u ghalkemm kien staqsieh jekk kienx misruq dan kien wiegbu fin-negattiv.[8] Darren Pisani xehed li l-kaz tieghu dwar ricettazzjoni, tal-istess mobile, kien sar *res judicata*, u ghalhekk spjega kif kien xtara l-mobile minghand l-imputat.[9] Xtrah ghal €50.[10] Jghid li Tanti Costa kien urieh il-mobile, ghogbu u xtrah. **Jikkonferma ghall-aktar minn darba li l-imputat qallu li l-mobile kien misruq:**
*"Spettur: Kont taf li misruq qed tghidlek il-Qorti?*
*Xhud: Dehert fuqu l-kaz ehe.*
***Spettur:Qallek li hu misruq?***
***Xhud: Ehe Iva…***
***Qorti: Pero qallek li kien misruq?***
***Xhud: Iva** fil-fatt dehert il-qorti fuqu hux.*
***Spettur: Okay pero qallek li kien misruq.***
***Xhud:Iva… … .***[11]
*…..Spettur:…u kont taf qallek li huwa mbaghbas u misruq naqblu?*
***Xhud: Iva"**.*[12]

Illi l-parte leza, Henry Portelli xehed li kien ipparkja l-karozza quddiem il-banka tal-lottu izda ma kienx sakkarha. Fiha kien hemm basket li wara li rega rikeb fiha nduna li ma kienx ghadu hemm:*"Qabel ma nzilt mill-karozza nghid ukoll li l-basket kien fuq is-seat, qbadtu u nizziltu isfel fejn ipoggi saqajh il-passigier".* [13] Jghid li kien ghadu kemm xtara mobile tnejn u ghoxrin siegha qabel, Asus, u li kellhu ukoll Iphone flimkien ma affarijiet ohra fosthom Zen Phone 6. Jghid li

[3] Dok. SZ1-Fol.51
[4] Fol.52
[5] Fol.53
[6] SZ4- fol.55
[7] Fol.88
[8] Fol.90 et seq.
[9] Fol.107 et seq.
[10] Fol.108
[11] Fol.111
[12] Fol. 114
[13] Fol.116 et seq.

l-Asus kien inxtara ghal €325[14] u li l-pipa kienet inxtrat ghal €150. Kien hemm ukoll CD albums li jiswew mas-€6 il-wiehed, kif ukoll kellhu jhallas €180 ghan-nuccali tal-vicin filwaqt li kellu jaghmel BOV key ohra li swiet €25. Ghalhekk gie pruvat l-aggravju tal-valur.

Illi mill-atti processwali l-akkuzi jirrizultaw ppruvati sal-grad rikjest mill-ligi. L-imputazzjoni tar-ricettazzjoni nghatat bhala kap alternattiv ghall-imputazzjoni tas-serq li giet ppruvata.

Illi in kwantu ghal piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali voluminuza tieghu minn fejn jirrizulta ampjament li kemm il-darba l-imputat instab hati ta' serq, kif ukoll tal-fatt li l-imputat qatt ma wera xi motivazzjoni biex jirriforma ruhu. Il-Qorti f'dawn ic-cirkostanzi triq tqis ukoll l-interess tas-socjeta` li ghandha jedd li dak li jkun gie akkwistat legittitament u frott ta' xoghol u bzulija minn peruna li jiffurmawha, ma jispiccax f'idejn terzi illegittimi li fi ftit mumenti jirnexxilhom ihottu dak li persuna tkun forsi ilha tibni b'tant sagrificcju. F'kaz bhal dan, fejn l-imputat ma ghandu ebda introjtu legittimu, ikun certament inutli li l-imputat jinghata ordni ai termini tal-Artikolu 532A tal-Kodici Kriminali.

Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 261 (c), (d), (e), 267, 268 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tielet akkuzi, u tikkundannah ghal tlettin (30) xahar prigunerija.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[14] Dok. HP fol.146